MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 688/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**VS**

**PHILIP D'AMATO;**
**RAYMODN D'AMATO;**
**RENO D'AMATO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Philip D'Amato ta' 38 sena, bin Carmelo u Philippa nee' Camilleri, imwieled tal-Pieta' nhar l-1 ta' Ottubru, 1966, residenti fil-fond Andrea Flats, Flat 1, Triq Mons A Cilia, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2267 (M);

Raymond D'Amata ta' 45 sena, bin Carmelo u Phlippa nee' Camilleri, imwieled tal-Pieta' nhar it-12 ta' Novembru,

1959, residenti fil-fond numru 2, Sqaq numru 1, Triq is-Siggiewi, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 764 959 (M);

Reno D'Amato, ta' 29 sena, bin John u Philippa nee' Sciriha, imwieled tal-Pieta' nhar id-19 ta' Novembru, 1977, residenti fil-fond Flat 2, Qalb ta' Gesu, Triq il-Kbira, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 194 578 (M);

Akkuzati talli nhar id-19 ta' Marzu, 2005, ghall-habta tat-8.15am, gewwa Haz-Zebbug, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew hebbew, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS 160, PC 896 u PC 781, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, skond l-Art 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew kontra l-persuna ta' Emmanuel Baldacchino, u Alfred Attard sabiex jingurjawhom, idejquhom, jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor skond l-Art 339 1d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkagunaw ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emmanuel Baldacchino, u Aflred Attard, hekk kif iccertifika t-tabib Dr David Fenech MD mic-Centru tas-Sahha, Floriana, skond l-Art 221 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew lil Emmanuel Baldacchino u Aflred Attard bi kliem;

U aktar talli kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici,

offenda l-morali u l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

**Lil Philip D'Amato wahdu:**

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjebg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm50.00 imma mhux aktar minn Lm500.00, u dan ghad-detriment ta' Emmanuel Baldacchino, skond l-Art 325 (1B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta lit kun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, skond l-Art 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew qabbadhom jew qabad arma ohra kontra l-persuni fuq imsemmija.

**Lil Reno D'Amato wahdu:**

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja , hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 160 u PC 896, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi l-esekuzzjoni ta'dak is-servizz, skond l-Art 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirksostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Emmanuel Baldacchino u Alfred Attard f'periklu car, izda bil-hsieb li jikkometti hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-kwerelant, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwti minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, skond l-Art 41 1(a), 216 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' PS 160, skond l-Art 226 1b tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Matla;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra iebsn, jew qabadhom jew qabad arma ohra kontra l-persuni fuq imsemmija.

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 95, 96, 338(bb)(dd), 339(1)(b)(d), 216, 221, 226(1)(b), 325(1)(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li l-akkuzi b, d, e, f, i u m huma preskritti *ai termini* tal-Ligi.

Wara li semghet lill-partijiet jispjegaw il-fatti tal-Ligi;

Wara li ezaminat id-dokumenti esebiti.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-assorbitment tal-piena *ai termini* tal-Artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmija Philip D'Amato, Raymond D'Amato, u Reno D'Amato hatja tal-akkuzi a, c, g, h, h, k u l kif dedotti kontriehom, u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tiddikjara preskritti l-akkuzi l-ohra.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------